# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tal-lum,  Il-Ġimgħa 12 t' April, 2024**

**Referenza Kostituzzjonali numru 15/23MH**
**mibgħuta mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-kawża fl-ismijiet:**
**Numru:**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Victor Zammit**

**(Seduta Income Tax)**

Il-Qorti

**1.**Rat ir-referenza Kostituzzjonali/Konvenzjonali bażata fuq l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja Għad-Drittijiet tal-Bniedem (Konvenzjoni), mibgħuta lil din il-Qorti mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li taqra hekk;-

*"Il-Qorti qed tiddikjara li t-talba ta' l-imputat...datata 23 ta' Frar 2022 li ġiet a konjizzjoni ta' din il-Qorti llum 11 ta' Jannar 2023, mhix waħda frivola u vessatorja u allura l-Qorti ser tilqa' t-talba biex issir referenza kostituzzjonali ai terminu tal-Art.46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 4(3) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tibgħat il-kwistjoni quddiem il-prim'awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex jiġu eżaminati u deċiżi lanjanzi Kostituzzjonali u Konvenzjonali mqajma mill-imputat ossia li l-atti tal-kawża huma nieqsa mir-rekwiżiti essenzjali li jkexxklu t-trasparenza u l-għarfien ta' dak li ġara għal dawn l-aħħar snin u anke għall-kwistjoni ta' dewmien u għalhekk qegħdin jiġu w/jew potenzjalment jistgħu jiġu leżi drittijiet tiegħu kif sanċiti fl-Art.39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Art.6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem."*

**2.**Rat ir-risposta ta' l-Avukat ta' L-Istat[1] li taqra hekk:-

**"*L-Isfond***

1. *Illi Victor Zammit kien mixli talli:*

> *"...bħala direttur tal-kumpanija Biochemicals International Limited (C-9068) għas-snin 2002, 2003, 2004, 2005, 2006, 2007, 2008, 2009 u 2010 b'diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda inqast li tibgħat il-formuli tat-taxxa skont id-dispożizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 maħruġa ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 nqast milli tħares id-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-regoli."*

[1]Folio 100.

*Skond iċ-ċitazzjoni, l-imputazzjonijiet inħarġu fis-27 ta' Marzu, 2014 u l-kawża kienet appuntata għas-7 ta' Mejju, 2014 quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Onor. Maġistrat Ian Farrugia.*

2. *Illi permezz ta' rikors datat 23 ta' Frar, 2022, Victor Zammit talab li ssir ir-referenza kostituzzjonali dwar leżjoni ta' dritt ta' tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li kienet presjeduta mill-Onor. Maġistrat Leonard Caruana.*

3. *Illi wara diversi xhieda li tressqu quddiem l-istess Onorabbli Qorti minħabba l-kwistjoni tal-verbali tal-istess kawża, l-istess Qorti, diversament presjeduta u ċioè mill-Onor. Maġistrat Joseph Mifsud, tat digriet fil-11 ta' Jannar, 2023 fejn bagħtet quddiem din l-Onorabbli Qorti din ir-referenza kostituzzjonali taħt dawn il-parametri:*

> *"Il-Qorti qed tiddikjara li t-talba tal-imputat a fol. 8 tal-proċess datata 23 ta' Frar, 2022 li ġiet a konjizzjoni ta' din il-Qorti llum 11 ta' Jannar, 2023 mhiex waħda frivola u vessatorja u allura l-Qorti ser tilqa' t-talba biex issir referenza kostituzzjonali a tenur tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 4(3) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tibgħat il-kwistjoni quddiem il-prim'awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex jiġu eżaminati u deċiżi l-lanjanzi Kostituzzjonali u Konvenzjonali mqajma mill-imputat ossia li l-atti tal-kawża huma nieqsa mir-rekwiżiti essenzjali li jxekklu t-trasparenza u l-għarfien ta' dak li ġara għal dawn l-aħħar snin u anke għall-kwistjoni tad-dewmien u għalhekk qegħdin jiġu w/jew potenzjalment jistgħu jiġu*

> *leżi drittijiet tiegħu kif sanċiti fl-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem."*

## ***Eċċezzjonijiet***

*4.Illi l-qorti referenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti pronunzjament dwar jekk ġiex leż id-dritt ta' Victor Zammit għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fuq żewġ binarji:*

*a. li l-atti tal-kawża kriminali "huma nieqsa mir-rekwiżiti essenzjali li jxekklu t-trasparenza u l-għarfien ta' dak li ġara"; u*

*b. li hemm dewmien fil-kawża kriminali.*

*5.Illi bħala punt preliminari, għandu jiġi mfakkar li f'analiżi ta' allegata leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, wieħed għandu jqis il-proċeduri fit-totalità tagħhom u mhux aspett partikolari f'iżolament. Fil-kawża* **Ibrahim et vs. Ir-Renju Unit**[2] *ġie ritentut:*

> *"250. The right to a fair trial under Article 6 § 1 is an unqualified right.* ***However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case*** *(see O'Halloran and Francis v. the United Kingdom [GC], nos. 15809/02 and 25624/02, § 53, ECHR 2007-III). The Court's primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Taxquet v. Belgium [GC], no. 926/05, § 84, ECHR 2010; and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, § 101, ECHR 2015).*

---

[2] Ibrahim et vs. Ir-Renju Unit [50541/08 50571/08 50573/08 40351/09], Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 13 ta' Settembru, 2016.

> *251. Compliance with the requirements of a fair trial **must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings** (see Can v. Austria, no. 9300/81, Commission's report of 12 July 1984, § 48, Series A no. 96). In evaluating the overall fairness of the proceedings, the Court will take into account, if appropriate, the minimum rights listed in Article 6 § 3, which exemplify the requirements of a fair trial in respect of typical procedural situations which arise in criminal cases. They can be viewed, therefore, as specific aspects of the concept of a fair trial in criminal proceedings in Article 6 § 1 (see, for example, Salduz, cited above, § 50; Gäfgen v. Germany [GC], no. 22978/05, § 169, ECHR 2010; Dvorski, cited above, § 76; and Schatschaschwili, cited above, § 100). **However, those minimum rights are not aims in themselves: their intrinsic aim is always to contribute to ensuring the fairness of the criminal proceedings as a whole** (see Can, cited above, § 48; Mayzit v. Russia, no. 63378/00, § 77, 20 January 2005; and Seleznev v. Russia, no. 15591/03, § 67, 26 June 2008)."*
> *[Enfasi miżjud]*

*6.Illi fil-każ odjern, qiegħed jiġi allegat li l-atti tal-kawża kriminali – meta sar ir-rikors għat-talba għar-referenza kostituzzjonali – "huma nieqsa mir-rekwiżiti essenzjali li jxekklu t-trasparenza u l-għarfien ta' dak li ġara". F'dan ir-rigward jirriżulta mill-proċess quddiem l-qorti referenti illi l-verbali tas-seduti li kienu qed jinżammu quddiem meta l-qorti referenti kienet presjeduta mill-Maġistrat Ian Farrugia mis-sena 2014 sa 2021 kienu qed jinkitbu, iżda ma kienux qegħdin jiġu inseriti fl-atti. Madankollu iżda, fuq talba li saret mill-Kummissarju tat-Taxxi lill-qorti referenti, diversament presjeduta, il-verbali kollha tal-każ ġew inseriti, u ċioè ttajpjati u pprintjati kif ukoll ġew preżentati kopji tal-prime note, seduta stante mid-deputata*

*Marica Mifsud li kienet tikteb il-verbali meta l-qorti referenti kienet presjeduta mill-Onor. Maġistrat Ian Farrugia. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk, ma hemm ebda kwistjoni ta' "trasparenza u l-għarfien ta' dak li ġara" kif mistqarra fir-referenza kostituzzjonali; jekk Victor Zammit qatt kellu xi dubju ta' x'ġara jew ma ġarax, issa hemm il-verbali debitament inseriti fil-proċess.*

*7.Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-fatt waħdu li għal xi żmien ma kienx hemm il-verbali inseriti fl-atti ma jikkostitwix ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Bħala stat ta' fatt, Victor Zammit ma ġarrab ebda preġudizzju. Għal snin sħaħ, il-qorti referenti, diversament presjeduta, kienet ippermettiet differiment wara ieħor bl-intendiment li Victor Zammit jirregola ruħu mal-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi bl-iskop li l-proċeduri istitwiti kontrih jintemmu bl-irtira tal-imputazzjonijiet.*

*8.Illi għalhekk huwa mhux biss inawdit iżda huwa wkoll deplorevoli kif Victor Zammit konvenjentement nesa dan kollu u, konvenjentement, meta nbidel il-maġistrat sedenti, u ċioè mill-Maġistrat Leonard Caruana u l-istess maġistrat indika li ma kienu se jiġu permessi l-ebda differimenti oħra, f'daqqa waħda ddeċieda li hemm "nuqqas ta' trasparenza u għarfien ta' dak li ġara" meta għal seduta wara seduta għal snin sħaħ kien jaf perfettament x'kien qiegħed jiġri.*

*9.Illi fuq kollox, ma hemm l-ebda ħjiel li l-garanziji kollha marbuta mad-dritt għal smigħ xieraq ma ġewx jew mhux ser jiġu osservati. Il-każ ta' Victor Zammit qiegħed jinstema' minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa mil-Liġi, jaf jew messu kien jaf x'inhuma l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, u finalment kellu u għandu kull opportunità li jikkontesta l-każ. Għalhekk, ċertament minn dan l-aspett ma kien hemm u mhux ser ikun hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq.*

*10.Illi in kwantu għat-tieni argument imressaq fir-referenza kostituzzjonali u cioè li hemm dewmien u għalhekk ġie miksur id-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, qabel xejn għandu jingħad li huwa paċifiku li l-materji prinċipali li jridu jitqiesu meta jkun hemm allegazzjoni ta' dewmien irraġonevoli huma: il-kumplessità tal-każ, l-imġieba tal-ilmentatur u l-imġieba tal-awtoritajiet.*

*11.Illi f'dan il-każ, huwa ċarissimu li d-dewmien* ***kollu*** *huwa frott tal-fatt li Victor Zammit ingħata litteralment is-snin biex jirregola l-pożizzjoni tiegħu billi jissottometti l-formoli tal-FSS bħala direttur ta' kumpannija li kienet timpjega, kif ukoll jgħaddi l-ammonti ta' FSS u kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali mnaqqsa mill-paga tal-ħaddiema tal-kumpannija li ilhom dovuti dawn is-snin kollha;* ***u minkejja dan iż-żmien kollu, dan il-proċess għadu ma temmux****. Huwa sempliċiment inkredibbli kif Victor Zammit jilmenta minn dewmien meta kulħadd – il-qorti referenti inkluża – ħa paċenzja bih u ngħata ċans wara ċans biex jagħlaq din il-materja bil-kwiet u minflok apprezza dan, jilmenta li sofra minn ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu.*

*12.Illi ta' min jinnota li r-reat li għalih huwa akkużat Victor Zammit huwa wieħed ta' natura permanenti, u li għadu għaddej sal-lum sakemm l-imputat Victor Zammit jottempera ruħu mal-liġi u ċioè sakemm jissottometti validatament il-formoli tal-FSS opportuni (senjatament FS3s, FS7s u FS5s) lill-Kummissarju tat-Taxxi.*

*13.Illi apparti minn hekk l-esponent jirrileva li tant id-dewmien kien vantaġġuż għall-imputat, li l-fatti juru kif ir-referenza qatt ma saret quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Ian Farrugia, iżda saru quddiem l-istess qorti diversament preseduta li ma kienitx se tittollera iktar differimenti sabiex jirregola ruħu mal-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi. Fil-fatt l-imputat kien ġja affaċjat b'taħrika simili oħra fis-sena 2012, liema akkużi ġew irtirati mill-Prosekuzzjoni meta huwa*

*beda jottempra ruħu mal-liġi tal-FSS. Sussegwentement reġgħu nħarġu akkużi li għalihom hemm il-proċeduri llum, u kien biss f'Novembru 2021 li Victor Zammit reġa ebda jottempra ruħu mal-liġi tal-FSS u dan fir-rigward tas-sena 2002 sas-sena 2003..*

*14.Illi magħdud dan kollu għalhekk, din l-Onorabbli Qorti għandha twieġeb għar-referenza kostituzzjonali billi tiddikjara li ma seħħet ebda leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*

*15.Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha inkluż in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li din ir-referenza tħalliet għal deċiżjoni llum.

**3.**Dak li xpruna din ir-referenza hija kawża kriminali li nġabet kontra Victor Zammit b'akkużi relatati ma dovut tat-Taxxa, relatat mal-FSS, dan bħala direttur tas-soċjeta' Biochemicals International Limited u dan għal varji snin skont l-akkuża esibita.[3]

**4.**Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex teżamina din ir-referenza tqies li għandha telenka ċertu prinċipji n tematika riżultanti minn tagħlim ġurisprudenzjali fir-rigward.

**4.i** Ingħad fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **The Police vs Nelson Arias**[4] li f'referenza kostituzzjonali m'hemmx partijiet involuti. Wieħed irid jifhem li referenza hija proċedura fejn Qorti (li mhux Qorti li għandha kompetenza kostituzzjonali) li tkun rinfaċċata b'lanjanza ta' ksur jew possibbli ksur ta'xi drittijiet fundamentali tal-bniedem, tivventila din il-vertenza lil Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali biex tieħu direzzjoni mingħandha fir-rigward. Għalhekk ingħad-:

*"...a reference, although possibly triggered by the parties, is never a reference by the parties but a reference by the referring Court and therefore it is the latter*

[3] Folio 3
[4] Kost. 67/2011/1 deċiża 28 ta' Settembru, 2012

*which is bound to indicate the relevant provisions allegedly contravened and not the parties. Moreover, it is up to the referring Court to also state concisely and clearly the facts and the circumstances out of which the question arises as well as the terms of such question and the parties cannot substitute themselves for the referring Court in this regard."*

**4.ii** Ukoll rigward it-termini tar-referenza applikabbli u dak li jista' jiġi kkunsidrat mill-Qorti riċeventi, ingħad dan:-

*"... ... as a rule, whenever a constitutional reference is made to the First Hall Civil Court under Article 46[3] of the Constitution that Court's function is circumscribed by the terms of the reference made to it, and that court is required to limit itself to giving its replies to the questions referred to it by the referring Court [Q.Kos Glenn Beddingfield v Kummissarju tal-Pulizija et 31/07/2000 Vol.XXXIV.i.232; Q.Kos.Nazzareno Galea v Giuseppe Briffa et 30/11/2001 Vol.XXXV.i.540; PA.[K] Pulizija v Frank Cachia 16/02/2011]" [para.55][5]"*

**4.iii** Ingħad ukoll fid-deċiżjoni fl-ismijiet **il-Pulizija vs Frank Cachia et.** [6]

*"Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mar-riferenza għandu jingħad qabel kull ħaġa oħra li din il-Qorti hija marbuta li tqis il-kwestjoni "kostituzzjonali" skond il-parametri tar-riferenza magħmula lilha. Billi l-kwestjoni tkun inqalgħet quddiem Qorti li mhix il-prim'awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u billi l-proċediment ma jkunx tressaq quddiem din il-Qorti direttament minn min jallega l-ksur tal-jedd fondamentali partikolari, din il-Qorti jkollha tqis fedelment il-kwestjoni fil-mod u t-termini mgħoddijin lilha mill-Qorti li tkun għamlet ir-riferenza[7], u jekk tonqos li tagħmel dan jew titbiegħed milli tqis dak lilha riferut, tkun qegħda tiddeċiedi extra petita[8];*

*Illi huwa minħabba f'hekk li huwa mixtieq li riferenza kostituzzjonali ta' Qorti lil din il-Qorti għandha tkun magħmula b'mod li l-ordni tar-riferenza jkun fih b'mod konċiż u ċar il-fatti li jagħtu lok għall-kwestjoni[9]. Dan huwa mixtieq biex il-Qorti kostituzzjonali riferuta jkollha parametri ċari u preċiżi li fuqhom tagħmel l-istħarriġ tagħha tal-kwestjoni mqanqla u mibgħuta lilha mill-Qorti Riferenti. Imma l-liġi ma tgħidx li r-riferenza ma tkunx tgħodd jekk kemm-il darba d-degriet jew ordni tar-riferenza ma jkunx motivat jew ma jkunx f'forma partikolari. Lanqas ma tgħid li l-Qorti Riferenti trid tiddikjara li l-kwestjoni mqanqla m'hijiex*

---

[5] Pol vs Austine Eze et. Kost. 25/10/2013 Rikors 49/2012/1

[6] Ref. Kost 10/2099 deċiża 16/02/2011

[7] Kost. **31.7.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.232**) a fol. 243

[8] Kost. **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et vs Briffa et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.540**) a fol. 554-5.

[9] P.A. Kost. **2.12.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Spett. P. Sammut et vs Edwin Bartolo et*** (Kollez. Vol: **LXXI.iii.727**)

*frivola jew vessatorja. Huwa minnu li dan il-kriterju ta' frivolezza u vessatorjeta' huwa element indispensabbli biex kwestjoni mqanqla tiġi mgħoddija lil din il-Qorti fil-funzjoni kostituzzjonali tagħha*[10]*, imma din il-Qorti tifhem li ladarba Qorti tkun għamlet ordni bħal dak, tkun fl-istess waqt qieset li l-kwestjoni mqanqla la kienet waħda fiergħa u lanqas waħda vessatorja. Fil-każ tal-lum, il-Qorti Riferenti dan qalitu espressament fid-degriet tar-riferenza;*

*Illi dan ma jfissirx li, ladarba Qorti Riferenti ma tkunx qieset kwestjoni kostituzzjonali mqanqla bħala waħda fiergħa u biex iddejjaq, dan se' jorbot idejn din il-Qorti milli, wara li tistħarreġ sewwa l-ilment, issib li l-kwestjoni kienet fil-fatt hekk*[11]*. Iżda kulma qiegħed jingħad huwa li ordni ta' riferenza jkun dejjem jimplika li l-Qorti riferenti ma qisitx ilkwestjoni mqanqla bħala waħda fiergħa u biex iddejjaq;*

*Illi l-Qorti tħoss li għandha tiċċara wkoll li, ladarba l-każ tressaq quddiemha permezz ta' riferenza minn Qorti oħra, ma tistax tagħżel li ma teżerċitax is-setgħa kostituzzjonali tagħha milli tqis l-aspetti kostituzzjonali jew konvenzjonali tar-riferenza. Dan jingħad għaliex ir-riferenza nnifisha torbot lil din il-Qorti li tiddeċidi l-kwestjoni riferuta u ma tapplikax għaliha d-diskrezzjoni li hija miftuħa għal din listess Qorti taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni (jew lartikolu 4(2) tal-Kap 319) meta l-kawża tkun tressqet b'rikors mill-persuna aggravata; ''*

Huwa ċar għalhekk u jsegwi li ġia ladarba hija l-Qorti riferenti li tiddetermina hi jekk għandix tibgħat din ir-referenza u dan ai termini ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(3) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, li fl-ewwel lok għandha tagħmel it-termini tagħha b'mod ċar biex il-Qorti riċeventi tifhem u tkun f'pożizzjoni twieġeb ir-referenza lilha mibgħuta. Mhux il-kompetena ta' din il-Qorti li f'materja tant delikata bħal ma huma d-drittijiet fundamentali tal-bniedem li jistgħu jkunu qed jiġi mxekkla u mittiefsa ġo kawża, li hi tispiċċa tagħmel *guess work* ta' dak li qed jiġi propju mitlub lilha li tindirizza.

**4.iv** Għalhekk ingħad ukoll fid-deċiżjoni fl-ismijiet "**Il-Pulizija -vs- Souhail Al Salim**"[12]:-

[10] Kost. **23.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs L-Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.227**)
[11] Kost. **30.5.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Michael Paċe et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.116**)
[12] Qorti Kostituzzjonali 4 ta' Mejju 1999

*"1 . Il-liġi ma timponix fuq il-qorti li tagħmel ir-riferenza xi formola sagramentali dwar kif tesprimi l-fehma tagħha illi l-kwistjoni mqanqla ma kienitx sempliċiment frivola jew vessatorja;*

II. *Kien biżżejjed li mill-atti ta' riferenza jkun jidher ċar illi l-ewwel Qorti ma qiesetx il-materja mqanqla u riferita kienet waħda sempliċiment frivola jew vessatorja;*

III. *In-nuqqas ta' kjarezza fid-dicitura użata fid-digriet ta' riferenza ma kellhiex waħedha twassal ghan-nullita` ta' l-istess riferenza jekk mill-assjem ikun ċar li l-Qorti li għamlet riferenza kienet hekk għamlet wara li qieset il-materja tal-frivolezza jew vessatorjeta`;*

IV. *Filwaqt li l-qorti li tikkonsidra kwistjoni kostituzzjonali imqanqla quddiemha skond is-subinċiż (3) ta' l-Artikolu 46 kellha d-dover tindaga u tiddeċiedi jekk dik il-kwestjoni kienitx jew le sempliċiment frivola jew vessatorja, hi ma kienitx obbligata li tagħti raġuni għaliex kienet qed tagħmel ir-riferenza lill-Prim' Istanza. Dan fis-sens li kellu jkun ovvju li jekk issir tali riferenza dan kellu neċessarjament ifisser li dik il-qorti li għamlet ir-riferenza kienet sodisfatta, wara li għamlet dak li l-Kostituzzjoni kienet timponi fuqha li tagħmel, li l-kwistjoni sollevata ma kienitx sempliċi frivola jew vessatorja. Fil-fehma ta' din ilQorti allura, anke jekk hija desiderabbli, ma kienx meħtieġ ad validitatem illi tali dikjarazzjoni tan-non-frivolezza u non-vessatorjeta` ssir espressament fid-digriet ta' riferenza għax kien naturalment sottintiz fil-fatt stess li tkun saret ir-riferenza;"*

**5.** Oltre hekk kif sew jippuntwalizza l-Avukat ta' l-Istat, referenza Kostituzzjonali trid tkun waħda li tolqot u tkun utli għal-anadament tal-kawża prinċipali. Dan ingħad fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Edgar Blundell et. vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali**[13] riferuta ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimat.

Għalhekk intqal fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs Miloud Elforjani**[14] li:-
*"Minħabba f'hekk, il-qorti riferenti għandha tkun għaqlija u prudenti biżżejjed meta tiġi biex tiddeċiedi jekk għandhiex tibgħat kwistjoni lill-prim'awla tal-Qorti Ċivili jew le. Il-qorti riferenti trid tkun ċerta li dik ir-referenza hija tabilħaqq meħtieġa sabiex hija tkun tista' tkompli twettaq ħidmietha. Referenza kostituzzjonali/konvenzjonali li ma tkunx ħa tħalli l-frott fl-eżitu tal-proċeduri*

[13] Deċiża 20 ta' Marzu, 2000 Qorti Kost.
[14] Referenza Kost. 115/2022 16/05/2022

*quddiem il-qorti riferenti m'għandhiex issir mill-ewwel (ara Director of Public Registry v. Ahmad Aziz deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022);"*

Ikkunsidrat

**6**. Riprodotti dawn iċ-ċitazzjonijiet ġurisprudenzjali, l-Qorti tara li hi rinfaċċata b'referenza b'żewġ lanjanzi, waħda konċernanti it-tul taż-żmien li ħadu dawn il-proċeduri u t-tieni waħda talli l-atti ma jirriflettux bi kjarezza dak li okkorra. Għalkemm l-ilment ikkunsidrat jiffoka fuq żewġ binarji huwa marbut ma l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**7. Provi mressqa.**

Mill-atti proċesswali jirriżulta li ġew esibiti kopja tal-atti kriminali pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali konċernanti lil Victor Zammit, seduta tat-Taxxa.

Xehdu f'dawn il-proċeduri ta' referenza Mr Malcolm Vella bħala psikjatra, ukoll Stefan Azzopardi, b'sistema ta' affidavit, li jaħdem fi ħdan l-uffiċju tal-Kummissarju tat-Taxxi.[15]

**8.** Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha, hu pertinenti li tagħmel dan is-segwenti kumment. Fil-kors ta' dawn il-proċeduri għar-raġunijiet li sal-lum jaħarbu lil din il-Qorti, l-avukati tar-rikorrenti talbu lil Qorti taħtar perit psikjatra biex jipprova li l-istat mentali ta' l-imputat Zammit m'għadux dak li kien disa' snin ilu meta bdew il-proċeduri kriminali. Fit-trattazzjoni għal din it-talba l-avukat tar-rikorrenti rabat dan mat-tul taż-żmien li ilhom itulu dawn il-proċeduri. Però għar-raġuni li dan qatt ma kien miġjub quddiem il-Qorti riferenti u għax kif intqal din il-Qorti hija marbuta mat-terminu ta' dik ir-referenza, l-Qorti ċaħdet it-talba. Oltre hekk l-istat mentali ta' l-imputat illum, jista' jiġi ventilat quddiem il-Qorti adita bl-akkużi kriminali.

**9**.Da parti tagħhom l-avukati ta' l-imputat Zammit xorta għażlu li jressqu lil psikjatra Malcolm Vella biex jiddeponi f'din ir-referenza dwar id-degrad ta' l-istat mentali ta' Victor Zammit. Dan anke ġie kkonfermat mill-istess Zammit meta anke hu għażel li jiddeponi.

**10**. Bla tlaqliq il-Qorti ma tara ebda relevanza ta' dawn ix-xhieda għal vertenza n kwistjoni.

[15] Dok Sa folio 140.

**11.**Kif intqal inġab jixhed ukoll rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, Senior Prinċipal ċertu Stefan Azzopardi.

Dan spjega li fis-sena 2012 kien intalab mill-Kummissarju tat-Taxxi lil Kummissarju tal-Pulizija biex iħarrek lil Victor Zammit ukoll lil Giovanna Zammit bħala diretturi ta' Biochemicals Limited bil-ksur tal-Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta, ukoll tar-regoli relatati mal-Final Settlement System (FSS) għas-snin 2002 sas-sena 2010 billi naqsu li jgħaddu l-formoli tal-FSS kif ukoll pagamenti relatati lil Kummissarju tat-Taxxi.

Qal li sussegwenti Zammit kien issottometta l-formoli tal-FSS u fuq talba tiegħu stess daħal fi ftehim mal-Kummissarju tat-Taxxi. Eżebixxa id-dokument SA1[16] prova ta' dan. Qal li kif jirriżulta mid-dokument SA2[17] beda jiġi effetwat xi ħlas. Għalih ladarba sar il-ftehim u Zammit beda jħallas l-proċeduri ġew irtirati.

Żid li Zammit beda jonqos mill-pagamenti dan fis-sena 2014, għalhekk il-Kummissarju tat-Taxxi għada *letter to prosecute* ġdida biex jinbdew proċeduri kriminali fir-rigward ta' Victor Zammit.

Qal lil kawża ġiet appuntat quddiem il-Maġistrat Ian Farrugia. Il-kawża baqgħet tiġi differita fuq talba tad-difiża biex Zammit jottempera ruħu mal-liġi. Qal li hu kien baqa' jattendi s-seduti u ssegwi l-andament tal-kawża.

Spjega li però da parti tal-Maġistrat Caruana, li ħa l-assenjazzjoni tal-kawża, dan insista li jibdew jitressqu l-provi u kien hawn, darba li kienu se jitressqu l-provi tal-prosekuzzjoni li saret ir-referenza Kostituzzjonali.

Stefan Azzopardi xehed ukoll illi Victor Zammit mar ikellmu diversi drabi biex jiġu rtirati xi akkużi relatati ma diversi snin.

Ikkunsidrat

**12**. L-ewwel lanjanza li ressaq Zammit li għal Qorti riferenti ma kienitx waħda frivola u vessatorja tikkonċerna it-tul taż-żmien li llum għaddejjin dawn il-proċeduri.

**13**. Fil-konfront ta' dan il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma dak li ressaq l-Avukat ta' l-Istat bħala oġġezzjoni għala din il-parti tar-referenza. Kif ingħad aktar 'l fuq fil-ġurisprudenza ċitata, referenza trid tkun ta' tali natura li għandha utilita' għal proċediment oriġinali nnifsu. Bilfors allura isorġi l-mistoqsija, x'utilita' għandha d-difiża f'kawża kriminali li ttawwal **hi** l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-

[16] Folio 142
[17] Folio 143.

Maġistrati billi tressaq din il-parti tar-referenza? Anke jekk dawn il-proċeduri odjerni huma di natura aktar spediti, xorta riżultat tagħhom ittawlet il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li per konsegwenza ta'din ir-referenza llum il-kawża kriminali quddiema hija differita *sine die.* Frankament kien ikun aktar għaqli sa fejn jirrigwarda din il-parti tar-referenza lil Qorti tal-Maġistrati ma kkonċedietx aktar differimenti u semgħet il-kawża fil-mertu. Żgur li kien ċar għal Qorti referenti li din il-proċedura ta' natura sommarja kienet ttawwlet bil biex u għalhekk ir-referenza f'dan ir-rigward mhux talli ma kienetx ulti imma saħansitra żejda. Fil-fatt il-Qrati referenti, speċjalment dawk ta' kompetenza penali, għandhom ikunu aktar attenti għal xejn anqas minn manuvri tad-difiża biex jittwalu aktar l-proċeduri kriminali u b'hekk jittieħed vantaġġ mit-tul taż-żmien innifsu bħal per eżempju temperament fl-eventwali piena.

Dan qed jingħad ukoll fl-isfond tal-fatt li l-istess imputat ma dejjaq xejn biex jitlob differiment wara l-ieħor għal tul mhux negliġibbli ta' żmien biex jirregola ruħu mal-Kummissarju tat-Taxxi, hu stess jelenka numru twil ta' talbiet għal differimenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. U issa jilmenta' mit-tul ta' dawn il-proċeduri!.

**Konsegwentement il-Qorti ssib li din il-parti tar-referenza hija waħda bla bażi u m'għandha xejn xi twieġeb fir-rigward**.

**14.** It-tieni parti tar-referenza lil-Qorti se tiċċita verbatim taqra "*...ossia li l-atti tal-kawża huma nieqsa mir-rekwiżiti essenzjali li jkexxklu t-trasparenza u l-għarfien ta' dak li ġara għal dawn l-aħħar snin ...*"

**15.** Fir-rigward l-Avukat ta' l-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu ikkummenta fuq il-fatt li ma ġiex spjegat x'kienet it-trasparenza jew nuqqas ta' għarfien li kien mankanti mill-atti proċesswali biex jwassal għal ksur ilmentat. Minn naħa l-oħra, l-imputat Victor Zammit jispjega din l-allegata vjolazzjoni billi jgħid li dan in-nuqqas jirriżulta

- lil verbali tal-kawża kienu mankanti u ġew sussegwentement esibiti minn deputat reġistratur;

-b'hekk jilmenta mill-awtentiċita' ta' l-istess verbali;

-li ma hemmx qbil bejn id-dati fil-*prime note* u l-komparixxi quddiem il-Qorti;

-għalhekk iqisu li l-atti m'għandhomx jitqiesu bħala parti mill-atti;

-jqies dawn il-verbali monki u għalhekk in-nuqqas ta' trasparenza ta' dak li okkorra matul is-smiegħ tal-proċeduri kriminali u konsegwenza ta' hekk il-ksur ta' smiegħ xieraq.

**16**. Mill-atti proċesswali (kopja) tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jirriżulta illi li hemm sensiela ta' differimenti jew għan-notifika, jew fuq talba ta' l-istess imputat, tad-difiża, biex Zammit jirregola ruħu mad-dipartiment tat-Taxxi, jew oħrajn fuq ordni tal-Qorti. Dawn ovvja kif inhu rifless kemm mill-*prime note* esebiti ukoll mill-istess traskritti. Fil-maġġior parti huwa dan, għajr għal xhieda marbuta ma l-istess *prima note* u verbali u dak li xehed ir-rappreżentant tat-Taxxi, li okkorra f'dawn il-proċeduri.

Jirriżulta ukoll lil verbali ġew traskritti mill-*prime note* aktar tard fil-mori tal-proċeduri minn Marica Mifsud[18] li spjegat li hi kienet żżomm fuq Excel sheet minn differiment għal ieħor dak li jkun okkorra f'kull kawża. Mistoqsija dwar żball f'data li ma taqbilx ma data oħra li tidher f'differiment partikolari, wieġbet li dan kien żball fit-*typing* tagħha. Ikkonfermat li kien hemm differimenti li baqgħu ma ġewx traskritti u baqgħu biss fuq il-*prime note*.

Ikkonfermat lil verbali traskritti kienu hekk saru b'mod fedeli.

Ikkonfermat lil *prime note* mhux kollha kienu jiġu traskritti

Spjegat li dan kien jiġri biss minħabba l-pressjoni ta' xogħol, ċioe' mijiet ta' kawżi lil Qorti li magħha kien addetta kienet mogħbija bihom.

**17.** Huwa vera ukoll lil verbali traskritti ġew inklużi fl-atti matul il-proċeduri kriminali nnifishom, fl-*iter* ta' l-istess proċeduri u mhux immedjatament wara kull smiegħ ta' seduta kif suppost issir. Huwa vera ukoll li l-ideal hu lil verbali jiġu nklużi mal-ewwel fl-atti tal-kawża. Dan iservi b'mod ovvju biex il-partijiet ikollhom għarfien ta' dak li jkun okkorra f'dik is-seduta u dak li hu mistenni li jiġri f'dik li tkun ġejja. Daqstant ieħor huwa miżmum lil-verbali huma dokumenti pubbliċi li suppost jirriflettu l-verita' ta' dak li jkun okkorra, mera ta' l-andament tal-proċeduri. Legalment hu miżmum ukoll li verbali huwa mqabbel ma kawżi kuntratt bejn il-Qorti u l-partijiet u il-partijiet bejniethom ta' dak hemm minnhom obbligat.

**18.** L-ilment ta' Zammit huwa fis-sens li dawn il-verbali, jew in-nuqqas tagħhom, ma jirriflettux t-trasparenza neċessarja ta' dak li okkorra fl-atti. Però kif ġia ngħad supra referenza trid tkun tali li sservi ta' utilita' għal andament tal-proċeduri li minnha tkun ġiet xprunata. Bil-fors allura ssorġi l-mistoqsija: mill-verbali li hemm esibiti fl-atti x'nuqqas ta' trasparenza qed tiġi riskontrata? Dan mhux każ fejn sar xi progress f'kawża li ma ġiex reġistrat, żgur mhux każ fejn hemm mankanti mill-verbali xi fatt li jimpatta l-andament tal-proċeduri bħal ma hu reġistrazzjoni ta' deponent jew esebizzjoni ta' xi dokument saljenti. Ħarsa lejn

[18] Ara xhieda ta' l-istess folio 44 et. Seq.

il-verbali esibiti **minn deputat reġistratur tal-maġistrat sedenti ta' dak iż-żmien**, għax anke minn dan jilmenta Zammit, turi biss sensiela kbira ta' verbali li fihom ma sar **qatt** xejn. X'inhi t-trasparenza mankanti qatt ma ġie spjegat. Kif in-nuqqas ta' dawn il-verbali jistgħu/setgħu anke remotament jimpattaw fuq id-dritt ta' smiegħ xieraq huwa mħolli għal imaġinazzjoni. Daqstant ieħor ma nġabet ebda prova li dawn il-verbali, issa nklużi, mhux awtentiċi u jekk kien hemm żball f'xi data għal oħra, kif dan jimpatta fuq dak ilmentat minn Victor Zammit.

**19.** Huwa vera lid-dritt ta' smiegħ xieraq kif żviluppat fil-ġurisprudenza kemm nostrali u dik Ewropeja immur oltre għal dak elenkat fl-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 Tal-Konvenzjoni Ewropeja. Illum dan id-dritt ġie żviluppat f'mozzjonijiet oħra, fl'elementi oħra li fl-assjem jsostnu dan id-dritt ta' *fair trial, overall fairness* tal-proċeduri.

Fil-fatt jingħad fin-Notamenti maħruġa taħt l-awspizju tal-Kunsill Ewropej tal-każistika tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Konvenzjoni u dan dwar l-interpretazzjoni ta' l-artikolu 6[19] li:-

*"A. The fundamental principles*

*1. The key principle governing the application of Article 6 is fairness (Gregačević v. Croatia, 2012, § 49). However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], 2016, § 250).*

*2. In each case, the Court's primary concern is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings. Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole, and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident. However, it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings (ibid., § 250). Thus, for instance, in the context of its assessment of the pre-trial judge proceedings confirming the indictment, the Court has stressed that it must have regard to the proceedings as a whole, assessing the handling of the case by the pre-trial judge in light of the subsequent trial, when determining whether the rights of the applicant were prejudiced. As part of that determination, it needs to be assessed whether any measures taken during the proceedings before the pre-trial judge weakened the applicant's position to such an extent that all subsequent stages of the proceedings were unfair (Alexandru-Radu Luca v. Romania,* § 63).*

[19] Guide on Article 6 of The European Convention Of Human Rights; Right to Fair Trial (Criminal Limb)

*3. Where a procedural defect has been identified, it falls to the domestic courts in the first place to carry out the assessment as to whether that procedural shortcoming has been remedied in the course of the ensuing proceedings, the lack of an assessment to that effect in itself being prima facie incompatible with the requirements of a fair trial according to Article 6 of the Convention (Mehmet Zeki Çelebi v. Turkey, 2020, 51). Moreover, the cumulative effect of various procedural defects may lead to a violation of Article 6 even if each defect, taken alone, would not have convinced the Court that the proceedings were unfair (Mirilashvili v. Russia, 2008, 165).''*

**20.** Fid-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dr.Melvyn Mifsud[20],** trattando ta' dokument mankanti mill-atti, ingħad dwar l-*overall fairness* tal-proċeduri meta jiġi determinat allegat ksur taħt l-artikolu in eżami li:-

*"25.Fil-każ odjern, iżda - u f'dan l-istadju qiegħed jiġi indirizzat l-ewwel aggravju tal-appellant - jirriżulta wkoll element ieħor li kien jimmilita kontra li ssir ir-riferenza odjerna u kontra li din il-Qorti tiddikjara kienx hemm xi vjolazzjoni tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq jew li x'aktarx ser tavvera ruħha tali vjolazzjoni. Hija l-ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti u tal-organi ta' Strasburgu li l-eżami jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq irid isir billi jittieħed qis tal-proċedimenti kollha fl-assjem tagħhom u li għalhekk dan l-eżerċizzju, fil-prinċipju, huwa indikat li jsir biss fi tmiem il-proċedimenti u mhux qabel[21] . Dan hu ugwalment applikabbli meta din il-Qorti jkollha tikkunsidra jekk x'aktarx tkunx ser isseħħ tali vjolazzjoni. Huwa minnu li kemm din il-Qorti kif ukoll l organi ta' Strasburgu kkonċedew li in linea eċċezzjonali xi fattur partikolari tal-proċeduri jista' jkun tant determinanti għad-dritt għal smigħ xieraq li ma jkunx meħtieġ li l-Qorti tistenna sa tmiem il-proċeduri sabiex tiddeċiedi jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt inkwistjoni iżda dan ma hux il-każ li għandha l-Qorti quddiemha llum.*

*26.Fil-każ tal-lum anki kieku kien minnu li naqsu xi notamenti bil-miktub li kienu xi darba jifformaw parti millatti - ħaġa li, kif ingħad, ma tirriżultax pruvata f'dawn il-proċeduri mill-appellant fil-grad li trid il-liġi - il-Qorti ta' kompetenza kriminali tkun għad trid tevalwa r-relevanza ta' dik il-kitba allegatament nieqsa tenut kont tal-fatt li l-appellant jallega li jeħtieġ dik il-prova sabiex isostni l-eċċezzjoni tiegħu tal-preskrizzjoni filwaqt li l-prosekuzzjoni ssostni li r-reat li*

[20] Deċi#a 26/04/2013 rikors 17/2011/1.
[21] Ara *inter alia* Q Kost **David sive David Norbert Schembri v. Avukat Generali**, 25 Marzu 2011; **Repubblika ta' Malta v. Carmel Camilleri**, 22 Frar 2013 [4] Ara *inter alia* **Repubblika ta' Malta v. Carmel Camilleri**, *ibid.*

*bih huwa akkużat l-appellant huwa wieħed ta' natura permanenti u li bħala konsegwenza jġib miegħu il-fatt li tterminu preskrittiv anqas biss jibda jiddekorri sakemm jibqa' jissusisti l-fatt projbit mil-liġi u cioe` fil-każ de quo nnuqqas tal-pagament tal-ammonti allegatament dovuti lillavukat Dr. Carmelo Grima; il-Qorti riferenti jista' jeħtiġilha tipprovdi jekk għandhiex tammetti xi prova sekondarja in sostituzzjoni ta' xi prova primarja u tkun għad trid tiddetermina jekk il-prosekuzzjoni intentax l-azzjoni penali fiż-żmien previst mil-liġi u jekk tkunx ippruvat il-ħtija talakkużat sal-grad previst mil-liġi penali u cioe` oltre ddubbju raġjonevoli; u eventwalment, fid-dawl ta' dan kollu, tkun trid tiddeċiedi dwar il-ħtija o meno tal-appellant.*

*27.Ikunx hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, għalhekk, jiddependi minn kif il-Qorti riferenti tittratta u tiddisponi mid-diversi kwistjonijiet u tappi proċesswali appena elenkati, fost oħrajn, li jistgħu jitqiegħdu quddiemha fil-kors tal-proċess u għalhekk ċertament il-fatt waħdu previst mill-appellant sabiex fuqu jsostni t-talba tiegħu għal riferenza lil din il-Qorti ma hux waħdu determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata li għalhekk hi għal kollox intempestiva u prematura u daqstant intempestiva u prematura hi r-referenza tal-Qorti referenti.*

*28.L-ewwel aggravju tal-appellant qiegħed għalhekk jiġi respint ukoll."*

**21**. Minn dan appena ċitat jidher ċar kemm hija in sostenibbli u għal kollox żejda din ir-referenza. Kif ġia ngħad il-verbali, llum inklużi u vverifikati minn deputat reġistratur tal-Maġistrat sedenti ta' dak iż-żmien, ma jirriflettu ebda nuqqas serju traġiku jew ta' preġudizzju għad-difiża ta' Zammit, anzi fil-maġġior parti huma sensiela ta' differimenti inutli u li ma servew għalxejn fil kawża, anke fuq talba ta' l-istess imputat. Ma hemm xejn li proċeduralment jista' anke b'mod remot jippreġudika s-smiegħ xieraq tal-kawża fil-konfront ta' Victor Zammit. Xejn lil Maġistrat sedenti ma setgħax, kif ġara, jirradrizza hu stess fil-mori. Oltre hekk biex tiġi determinata l-*overall fairnes* tal-proċeduri, jinħtieġ li l-istess proċeduri jkunu spiċċaw u wieħed iħares lejn il-proċess b'mod ħolistiku u mhux mill-lenti ta' inċidenti iżolati.

**22. Konsegwentement, il-Qorti ma tarax li ebda waħda mill-ilmenti a skorta ta' liema saret din ir-referenza jiksru jew jistgħu jiskru l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem u qegħda tordna li kopja ta' din is-sentenza titqiegħed fl-atti pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fl-**

**ismijiet il-Pulizija vs Victor Zammit Ref 829828/14/01/01 biex tinġieb a konjizzjoni tal-Maġistrat sedenti.**

**23. Tordna wkoll in kwantu għal spejjez marbuta ma dawn il-proċeduri ta' referenza, li dawn għandhom jibqgħu bla taxxa u dan għax tqies li din hi referenza li ma messa' qatt ġiet mibgħuta mil-Qorti referenti.**

**Onor. Miriam Hayman**

**Imhallef**

**Dep.Reg**

**Maraya Aquilina**